MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 1023/2002

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-partijiet izzewgu fl-20 ta’ April 1968, kif jidher mic-certifikat li qieghed jigi hawn anness u mmarkat Dok. SC1;

Premess illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ghandhom tlett itfal u cioe D ta’ tlieta u tletin sena, E ta’ tletin sena u F ta’ tmintax-il sena;

Premess illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabilment u l-hajja konjugali m' ghandhiex aktar possibbli, u dan minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-konvenut, konsistenti f' eccessi, sevizzi, ingurji gravi, mohqrija, theddid jew offizi gravi, abbandun u adulterju fil-konfront ta' martu l-esponenti.

Premess illi l-attrici giet debitament awtorizzata mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili sabiex tipprocedi ghas-separazzjoni personali minn zewgha l-konvenut permezz ta' digriet numru 1100/2002 datat 25 ta' Gunju 2002 li kopja tieghu qieghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok. SC2.

Jghid il-konvenut ghaliex m' ghandiex din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-konvenut stante eccessi, sevizzi, ingurji gravi, mohqrija, theddid jew offizi gravi, abbandun u adulterju fil-konfront ta' zewgha l-esponenti;

2. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti kollha ta' l-Artikolu 48 u 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Tiddikjara xolta u likwida l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tassenja parti lill-attrici u parti lill-konvenut, filwaqt li jigu dikjarati proprjeta unika ta' l-attrici dawk l-oggetti mobbli u immobbli li huma parafernali taghha;

4. Tawtorizza lill-attrici tghix esklussivament fid-dar matrimonjali li tinsab f' 6, Matluwa Lane, Birkirkara.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi l-ewwel talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghha peress illi ghalkemm huwa minnu illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti tkissret irrimedjabilment, dan minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-attrici konsistenti f' adulterju, ingurji gravi, eccessi, sevizzi u abbandun fil-konfront tal-konvenut.

2. Illi t-tieni talba attrci hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghha u dan peress illi l-konvenut ma ghandu x' jahti xejn ghall-fatt li z-zwieg tkisser irrevokabilment.

3. Illi t-tielet talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi l-attrici m' ghandha l-ebda proprjeta' mobbli jew immobbli li huma parafernali taghha.

4. Illi r-raba' talba attrici hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi l-attrici ilha li abbandunat id-dar konjugali u cioe' 6, Matluwa Lane, Birkirkara, ghal dawn l-ahhar seba' snin u sahansitra dawwret l-indirizz tal-karta ta' l-identita' taghha ghal residenza ohra u ghaldaqstant l-attrici tilfet kull dritt illi tibqa' tghix fid-dar konjugali.

Rat il-kontro talba tal-konvenut rikonvenjonant li tinsab esebita a fol. 19 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur rikonvenzjonat li tinsab esebita a fol.29 tal-process;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Rat ir-relazzjoni[1] tal-perit legali l-Avukat Dottor Robert Abela minnu debitament mahlufa;

Rat ir-relazzjoni[2] tal-perit gudizzjarju Vincent Ciliberti minnu debitament mahlufa;

---

[1] Fol.171 *et seq.*
[2] Fol.140 *et seq.*

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni u Kontro talba**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn mal-konvenut zewgha in bazi ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38, 40 u 41 tal-Kap.16 imputabbli lill-konvenut; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali. Minn naha tieghu l-konvenut permezz tal-kontro talba tieghu qed jitlob is-separazzjoni personali minn ma' l-attrici ghall-istess ragunijiet kontemplati fl-artikoli precitati, izda li huma mputabbli lill-attrici.

Illi z-zewg partijiet cahdu reciprokament l-akkuzi maghmula fil-konfront taghhom.

**Separazzjoni Personali**
Illi mill-provi jrrizulta li l-partijiet izzewwgu fl-20 ta' April 1968 u kellhom tlett-it tfal fiz-zwieg li llum huma maggjorenni. Peress li l-konvenut kien ghamel zmien twil jahdem il-Libya, huwa kien ikun assenti mid-dar konjugali ghal perijodi twal. Sussegwentement il-konvenut korra fuq ix-xoghol, u ghalhekk beda jrrisjedi fid-dar konjugali kontinwament. Jidher li d-dizgwid matrimonjali kien inqala' f' dan il-perijodu wara li l-konvenut ma baqax imur il-Libya.

Jirrizulta li huwa kien akkuza lill-attrici b' infedelta' fiz-zwieg u kien esprima dubju dwar il-legittimita' tat-tielet wild li twieled fiz-zwieg; tant li, skond l-attrici, "konna ghamilna t-testijiet tad-demm"[3] izda mill-provi ma jirrizultax x' kien l-ezitu ta' dawn it-testijiet, tant li fl-affidavit tieghu l-konvenut, filwaqt li kkonferma l-imhabba tieghu lejn dan il-wild, jghid "Jekk 'X' hux veru t-tifel tieghi jew le, ma nafx u

[3] Fol.185

lanqas biss jimpurtani. Jien lir-'X' habbejtu fuq li habbejtu."[4]

Illi dan id-dizgwid matrimonjali wassal sabiex il-konvenut jezercita vjolenza fisika fuq l-attrici u anke jheddida verbalment, bir-rizultat li dina okkazzjonalment kienet issib rifugju fid-dar Merhba Bik u anke ghand bintha. Minn naha taghha l-attrici, skond il-konvenut, kienet tichdu mill-att konjugali u jghid li "f' dawn l-ahhar ghaxar snin il-kamra tas-sodda sakkrithieli, tant li ghadni sallum norqod isfel, ghax issa drajt."[5]

Illi z-zewg partijiet jattribwixxu lil xulxin akkuzi fit-termini ta' l-artikoli precitati. L-attrici takkuza lill-konvenut b' adulterju u hbiberija zejda ma' nisa ohra, indikati minnha, kif ukoll ta' vjolenza fizika u morali da parti tal-konvenut fil-konfront taghha, u ngurja gravi rigward il-malafama dwar it-tielet wild taghhom. Minn naha tieghu l-konvenut jakkuza lil martu b' infedelta' fiz-zwieg meta huwa kien jahdem fil-Libya, tberbiq tal-paga tieghu f' loghob ta' l-azzard, rifjut ta' kuntatt sesswali mieghu da parti ta' l-attrici, u adulterju anke fil-mori tal-proceduri ma' ragel identifikat b' ismu minnu.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi din il-Qorti wara ezami akkurat tal-provi tikkunsidra opportuni s-segwenti osservazzjonijiet:

[1] Illi l-oneru tal-prova ta' fatt allegat jirrisjedi fuq minn qed jallega l-istess fatt.

[2] Illi fil-meritu, jigi osservat li l-akkuzi ta' adulterju maghmula mill-partijiet fil-konfront ta' xulxin gew reciprokament michuda; u dik maghmula mill-attrici, ghalkemm konfermata mit-tielet wild taghom, hija kategorikament michuda mill-persuna koncernata li, f' dan ir-rigward, tinsab konfrotata minn zewgha. Il-kumplament tal-provi in propositu mressqa mill-attrici huma skarsi u

4 Fol.188
5 Fol.190

jwasslu biss ghall-prova li matul il-hajja konjugali l-konvenut kellu hbiberija zejda ma’ zewg nisa.

Minn naha tieghu l-konvenut naqas li jissostanza l-allegazzjoni tieghu ta’ infedelta’ fil-konfront ta’ martu, u l-persuna li ssemmiet minnu lanqas giet prodotta bhala xhud; u dan apparti c-cahda kategorika da parti ta’ l-attrici. Pero’ jirrizulta li sussegwenti ghas-separazzjoni l-attrici kellha hbiberija partikolari ma’ terza persuna.

Il-Qorti tosserva li dawn ir-relazzjonijiet extra matrimonjali, fil-livell ta’ hbiberija zejda, ghalkemm ma jintegrawx il-fattur ta’ l-adulterju, jikkostitwixxu ngurja gravi fil-konfront tal-konjugi l-iehor. Jirrizulta wkoll li, filwaqt li dik tal-konvenut kienet wahda mill-kawzi tas-separazzjoni, dik ta’ l-attrici kienet konsegwenzjali ghall-istess.

Inoltre, jigi rilevat li tikkostitwixxi ngurja gravi wkoll l-allegazzjoni tal-konvenut maghumla fil-konfront ta’ martu fis-sens li t-tielet wild fiz-zwieg kien frott ta’ relazzjoni adultera ta’ martu, liema fatt baqa’ ma giex provat.

Mill-provi jirrizulta provat sodisfacentement li l-konvenut rrenda ruhhu hati ta’ vjolenza fisika u morali fil-konfront ta’ l-attrici, tant li dina okkazzjonalment kien ikollha ssib rifugju jew f’ dar Merhba Bik jew ghand it-tifla taghha. Dan jikkostitwixxi sevizzi da parti tal-konvenut. Minn naha l-ohra, ir-rifjut da parti ta’ l-attrici li taghmel l-att sesswali ma zewgha ghal snin shah, liema fattur ma giex negat mill-attrici, jikkostiwixxi sevizzi da parti taghha fil-konfront ta’ zewgha.

Illi in konkluzjoni l-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta car li z-zwieg bejn il-partijet tkisser irremidjabbilment b’ mod li l-hajja konjugali bejniethom mhijex aktar possibbli; jirrizulta wkoll li z-zewg partijet ikkommettew sevizzi u ngurji gravi fil-konfront ta’ xulxin, pero’ il-Qorti thoss li dawk kommessi mill-attrici huma konsegwenzjali ghall-agir abusiv tal-konvenut fil-konfront taghha. Ghalhekk hija taqbel li r-responsabblita’ ghas-separazzjoni ghandha tirrisjedi fuq iz-zewg partijiet fi kwoti differenti, b’ mod li l-htija tal-konvenut hija primarja u fi grad akbar minn dik ta’ l-attrici.

Din id-differenza fl-apporzjonament tal-htija, ser tigi riflessa, kemm fl-assenjazzjoni tal-assi tal-komunjoni, kif ukoll fil-kap. ta' l-ispejjez.

**Komunjoni ta' l-akkwisti**
Illi l-assi tal-komunjoni jikkonsistu fis-segwenti:

[1] id-dar matrimonjali numru sitta [6] Matluwa Lane, Birkirkara bl-ghamara li hemm go fiha, valutata fis-somma ta' Lm100,000; [2] Il-garage numru hamsa [5] li jinsab f' kumpless ta' garages li ghandu access minn Sqaq Maghda [Chewers Lane] kif ukoll minn rampa li tizbokka fi Triq il-Gazzija, valutat fl-ammont ta' Lm9,200; u [3] l-mobbli kollha valutati mill-perit stimatur fir-relazzjoni tieghu, elenkati fid-dokument VEC-1 tal-valur komplessiv ta' Lm976.50c; [4] u zewg vetturi tal-marka Subaru, numri DBF 481 u AIR 278.

Illi fic-cirkostanzi hija ekwa u opportuna s-segwenti <u>assenjazzjoni</u>;  u ghalhekk tordna li:

[1] Il-fond numru 6 Matluwa Lane Birkirkara, flimkien ma' l-ghamara li hemm go fiha, jinbigh fuq is-suq liberu bil-prezz ta' mhux anqas minn mitt elf lira maltin [Lm100,000] fi zmien sitt xhur, wara liema perijodu dan il-fond flimkien ma' l-ghamara ghandhom jinbighu bis-subbasta, sakemm il-partijiet ma jifthemux mod iehor; u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

Tordna li matul il-perijodu ta' sitt xhur mill-lum, il-proprjeta' tad-dar ghandha tibqa' in komuni, u kull parti jkollha d-dritt tal-uzu tad-dar u abitazzjoni fl-istess. Wara l-iskadenza ta' dan il-perijodu fit-30 ta' April 2008, iz-zewg partijiet huma minn issa u permezz ta' dan il-gudizzju ordnati sabiex jallontanaw ruhhom mill-isemmi fond;

[2] Illi sehem il-konvenut mill-garage numru hamsa [5] sitwat fl-imsemmi kumpless li ghandu access minn Sqaq Maghda [Chewers Lane] kif ukoll minn rampa li tizbokka fi Triq il-Gazzija, dan ghandu jigi assenjat kollu lill-attrici, b' mod li din allura <u>jkollha l-proprjeta' shiha tal-fond intier</u>; u dan, kemm sabiex jirrifletti l-htija primarja tal-konvenut

ghas-separazzjoni, kif ukoll sabiex jghamel tajjeb ghall-ispejjez li l-attrici necessarjament, kellha u ghadha, tinkorri sabiex issib akkomodazzjoni alternattiva minhabba l-agir abusiv ta' zewgha.

[3] Illi sehem l-attrici mill-effetti kollha mobbli elenkati fid-dokumenti VEC-1 ghandhom jigi assenjati lill-konvenut li minn naha tieghu ghandu jghaddi mmedjatament lill-attrici is-somma komplessiva ta' disa mija sitta u sebghin lira maltin u hamsin centezmu [Lm976.50c];

[4] Illi l-vettura Subaru DBF 481 ghandha tigi assenjata lill-konvenut, filwaqt li lill-attrici ghandha tigi assenjata l-vettura Subaru Vivio AIR 278

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-azzjoni billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba limitatament fis-sens li tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet minhabba tortijiet imputabbli primarjament lill-konvenut u sekondarjament lill-attrici;

[2] tilqa' t-tieni talba u tapplika fil-konfront tal-konvenut fl-intier tieghu l-artikolu 48 tal-kap.16;

[3] tilqa' t-tielet talba fis-sens li tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti u li din tigi likwidata u assenjata kif fuq indikat that l-intestatura "Komunjoni ta' l-Akkwisti"; filwaqt li tichad il-kumplament tat-talba koncernanti l-assi parafernali stante li ma ngabux provi adegwati f' dan ir-rigward;

[4] tichad ir-raba talba, markata bin-numru "6";

Tiddecidi dwar il-kontro talba billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba fis-sens fuq indikat;

[2] tichad it-tieni talba, in vista ta' dak fuq deciz fit-tieni talba ta' l-azzjoni attrici;

[3] tilqa' t-tielet talba fis-sens li tapplika fil-konfront ta' l-attrici l-artikolu 48[1][a][b] u [d] tal-Kap.16;

[4] tilqa' r-raba u l-hames talba fis-sens fuq deciz fit-talba numru tlieta ta' l-azzjoni attrici;

[5] tichad is-sitt talba, stante li ma ngabux provi f' dan ir-rigward;

[6] tichad is-seba talba; u tordna li wara l-perijodu ta' sitt xhur, fit-30 ta' April 2008, iz-zewg partijiet jallontanaw ruhhom mid-dar sitta [6] Matluwa Lane, Birkirkara;

L-ispejjez jigu sopportati bejn il-partijiet: in kwantu ghal kwart [1/4] jigi sopportat mill-attrici, filwaqt li r-rimanenti tlett kwarti [3/4] ghandhom jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------